FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 5 TA' GUNJU 2001

PULIZIJA
SPETTUR RAY D'ANASTAS
VS
CHARLENE PACE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiEt migjuba kontra l-imputat Charlene Pace ta' 17 il-sena bint Carmelo u Dolores nata Dalli imwielda Pieta fid-19 ta' Jannar 1984 u residenti Block 1, Flat 5, Ta Ganza Housing Estate, Zejtun ID Card Numru 84884M talli matul ix-xahar ta' Marzu 2001 f'dawn il-gzejjer f'hinijiet differneti ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew tal-firem, billi holqot pattijiet, deposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, deposizzjonijiet obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu jew iffirmati, inkella ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprovaw u dan bi ksur tal-artikolu 183 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zminijiet indikati aktar il-fuq xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan bi ksur tal-artikolu 184 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istes zminijiet u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel

titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamlet qliegh bi hsara ta’ haddiehor u cioe ta’ Bridgette Veneziani Broccia u/jew ta’ Bridgette’s Beauty Clinic ta’ Swieqi u San Giljan.

Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi indikati aktar il-fuq ikkommettiet serqta’ cekk numru 000050 ghad-dannu ta’ Brigette Veneziano Broccia u/jew Briggette’s Beauty Clinic liema serq huwa ikkwalifikat bil-persuna.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-verbal tal-5 ta’ Gunju 2001 fejn l-imputata ammettiet il-fatt indikat fl-ewwel akkuza pero fir-rigward tal-akkuzi l-ohra issostni li hija esercitat dritt li kienet tippretendi li ghandha billi ma rcevietx dak li kien dovut lilha peress li ma rcevitx paga minghand Bridgette Veneziani Broccia.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi wara li l-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija rilaxxata mill-imputata u esebita f’dawn l-atti flimkien mad-dikjarazzjoni tal-imputata li hemm fl-atti, il-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-ewwel akkuza, bit-tieni u t-tielet u r-raba akkuzi assorbiti fl-ewwel akkuza. Jidher illi l-imputata ghamlet dak li ghamlet billi hadet il-ligi f’idejha ghaliex kellha tiehu xi flus minghand l-employer taghha.

Illi ghaldaqstant il-Qorti wara li rat Art 183 tal-kap 9, Art 9 tal-kap 152, tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien 6 xhur.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA

DEP.REG.